KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 56 - 2016

Data: L-Erbgħa, 31 ta' Awwissu 2016

Hin: 1.10 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:3

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ (Assenti)*

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Permessi ta' xogħoljiet ta' trinek fit-toroq f'Ta' Sannat

## Minuti – 56 – 2016 (Laqgħa b'urġenza)

## 1. Permessi ta' xogħoliet ta' trinek fit-toroq f'Ta' Sannat

**1.1** Din il-laqgħa bdiet fis-1.10 p.m. b'talba.

Permess ta' xogħolijiet ta' trinek fit-toroq minn Solar Enginnering Ltd.

Is-Sindku qal li kellu jerġa jsejjaħ din il-laqgħa b'urġenza peress li hu rċieva telefonata fejn intqal lilu li l-Kumpanija Solar Engineering Ltd. kienet ser iżżom lilu u lis-Segretarju Eżekuttiv responsabbli mill-proġett ta' seba miljun euro jekk dan ma jitlestiex fi żmien stipulat u jekk ser ikun hemm dan id-dewmien biex jibda. Il-Kunsill qal li hu ha posizzjoni biss biex jissalvagwardja dawn it-toroq msemmiha u lir-raħal Ta' Sannat.

Is-Sindku qal li reġet saret laqgħa oħra nhar it-Tnejn mall-Kuntrattur fejn dan talab li Triq 1-10 ta' Ottubru 1942 tintmess l-ewwel parti minnha minn Triq il-Kbira għal Triq Gerxija (il-parti t'isfel) u terġa tingħata kollha kemm hi bit-tarmak. Rigward Triq Gerxija il-Kuntrattur qal li hu ser jgħati bit-tarmak biss nofs din it-triq. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur qallu li dan hu proġett ta' investiment għal Għawdex u s-Sindku qallu li l-Kunsill qatt ma kien kontra dan il-proġett.

Is-Sindku qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi hu talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-Ministru Joe Mizzi u l-Ministru Owen Bonnici biex isir laqgħa apposta biex jiġi spjegat dan kollu.

Is-Sindku qal li wkoll li fuq parir tal-Avukat tal-Kunsill hu talab laqgħa mall-Professur Ian Refalo u li dan taħ appuntament għal għada l-1 ta' Settembru 2016 fl-10.00 a.m. u li l-Avukat tal-Kunsill ser jattendi miegħu biex il-Kunsill ikollu l-aqwa pariri għal ġid tar-residenti Ta' Sannat.

Il-Kunsill qabel ma dan kollu u qabel li jgħati l-permess lill-Kuntrattur biex jibda dan ix-xogħol f'dawn it-toroq bil-kundizzjoni li skond l-OPM, Transport Malta ser jgħamlu wiċċ Triq Gerxija bit-tarmak ġdid.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.25 p.m.

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| ***Philip Vella*** | ***Jason Curmi*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 19 ta' Settembru 2016